## Kodiċi ta' Dixxiplina u Mġiba Tajba

Mal-bidu tat-tieni term, l-istudenti kollha ġew mogħtija kopja tal-kodiċi ta' Dixxiplina u Mġiba Tajba. Dan il-kodiċi tfassal wara konsultazzjoni sħiħa bejn it-tmexxija tal-iskola u l-għalliema u kif ukoll mal-ktejjeb *L-Imġiba Tajba fl-Iskejjel* maħruġ mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Il-kodiċi joffri linji gwida ta' kif għandha tkun l-imġiba ta' kull student fil-Kulleġġ tagħna.

L-għan aħħari tal-kodiċi m'huwiex li jiffoka biss fuq il-kastigi li jingħataw f'każ li l-istudent ma jġibx ruħu sew. Il-kodiċi għandu jservi bħala xprun għal imġiba tajba u eżemplari mingħand kull student sabiex l-edukazzjoni li tingħata fl-iskola tagħna tkun ta' kwalità għolja għax tkun qed tingħata f'ambjent san, dixxiplinat u ordnat.

Għalhekk, il-ġenituri u l-istudenti huma mħeġġa sabiex jaqraw il-kodiċi b' attenzjoni bil-għan li nkomplu nsaħħu t-tajjeb li bil-kollaborazzjoni ta' kulħadd (għalliema, ġenituri u studenti), diġà nbena fl-iskola tagħna.

---

## Inawgurazzjoni uffiċċjali ta' l-iskola

Nixtiequ ninfurmawkom li fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju se jiġu organizzati numru ta' attivitajiet fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni uffiċċjali ta' l-iskola. Dettalji sħaħ jitħabbru fil-ġimgħat li ġejjin.

# Kuntatt

## ma' l-iskola t'ibnek

— MARZU, 2006

## KULLEĠĠ SAN BENEDITTU

### Mhux ir-riżultati biss!

Nifhmu li f'dan il-perjodu tas-sena, kemm l-istudenti kif ukoll il-ġenituri jkunu qegħdin jistennew bil-ħerqa r-riżultati tal-eżamijiet. U bix-xieraq! Għax ngħiduha kif inhi, kulħadd ikollu x-xewqa li jagħmel progress fil-qasam akkademiku. Wieħed jista' jimmaġina b'liema ansjetà u eċċitament jinfetaħ ir-riżultat tal-eżami! Pero', l-edukazzjoni sħiħa ma tiqafx mar-riżultat li nirċievu. Għalkemm ta' min jinkoraġixxi marki sbieħ, edukazzjoni kompluta tirrikjedi l-iżvilupp sħiħ ta' kull individwu li jattendi l-iskola tagħna.

Kull student għandu jħossu komdu li jagħti l-aħjar tiegħu u jkun konxju tal-potenzjal sħiħ tiegħu. Mhux fis-suġġetti akkademiċi biss. Kull individwu għandu jiġi mgħejjun jiżviluppa t-talenti tiegħu u jitgħallem japprezza t-tajjeb li għandu, jagħti kontribut fil-ħajja tal-iskola, jiżviluppa l-kunċetti tal-ko-operazzjoni u s-solidarjetà ma' sħabu u jaħdem sabiex tikber fih l-istima lejh innifsu u lejn l-oħrajn.

B'impenn sħiħ u b'attitudni pożittiva biss nistgħu niżguraw ambjent fejn kull student jingħata l-għodda meħtieġa kollha sabiex jirnexxi fil-ħajja. L-għalliema u l-ġenituri għandhom jibqgħu jaħdmu id f'id sabiex jiżguraw suċċess sħiħ fil-qasam edukattiv.

Tel: 21642427/21642430/21642451
Fax: 21642423
Email: sanbenedittu.bco@gov.mt
http://schoolnet.gov.mt/kulleġġsanbenedittubco

## Xi aħbarijiet qosra

**Librerija**

Il-librerija tal-Kulleġġ qiegħda timtela bil-kotba li issa bdew jaslu. Dalwaqt tasal ukoll l-għamara meħtieġa u hemm il-ħsieb li tibda topera mill-aktar fis possibbli. L-istudenti kollha tal-kulleġġ huma awtomatikament membri tal-librerija u għaldaqstant meta tiftaħ ikunu jistgħu jagħmlu użu minnha mingħajr ma japplikaw.

**Kunsill tal-Istudenti**

Il-Kunsill javża li għadu għaddej bil-ġbir ta' fondi għall-karità u dan il-proġett se jibqa' għaddej sal-aħħar tas-sena skolastika. Il-kunsill qiegħed ukoll iħejji għal aktar attivitajiet għal matul is-sena.

**Websajt**

Jeżistu bħalissa xi "photo galleries" b'ritratti li ġew meħuda waqt xi attivitajiet. Hemm ukoll vidjoklips, fosthom tar-reċti tal-Milied. Hemm ukoll websajts magħmulin mit-tfal stess fil-"web building activities".

**Kompetizzjoni tal-Presepji / Karrijiet tal-Karnival**

Xi studenti pparteċipaw f'kompetizzjoni ta' presepji organizzata mill-Y.S.O. li kienet miftuħa għall-iskejjel sekondarji ta' Malta kollha. Tliet studenti mill-Kulleġġ intgħażlu minn ġurija barra mill-Kulleġġ biex jipparteċipaw għall-kompetizzjoni finali kif ukoll offrew il-presepji tagħhom bħala għotja għall-"fund raising activity" tal-Community Chest Fund. Il-presepju ta' Benjamin Schembri tal-klassi 1.4 ġie kklassifikat fl-ewwel post mill-iskejjel ta' Malta kollha. Bi pjaċir inħabbru wkoll li Roderick Ebejer tal-klassi 3.2 ġie fit-tieni post fil-kompetizzjoni tal-karrijet tal-karnival.

**Informazzjoni sportiva**

L-għalliema tal-P.E. javżaw li bħalissa għaddejjin il-logħob tal-futbol, atletika u "tabletennis". Il-logħob tal-"handball", baskitbol, volibol u ħoki għandhom jibdew aktar 'il quddiem. Irridu nifirħu lit-tfal li ħadu sehem fil-kompetizzjoni tal-Cross Country tal-iskejjel ta' Malta li fiha ġew fit-tielet post bħala skola.

L-għalliema tal-PE jgħarrfu lill-ġenituri li l-istudenti qed jiġu assessjati kull 6 ġimgħat u l-karta li tingħata bil-marka trid tkun iffirmata minnhom.

Fil-futur qarib mistenni jibda "chess club".

## Attivitajiet Marzu-April 2006

- Il-Ġimgħa u s-Sibt, 3 u 4 ta' Marzu se jiġi ċċelebrat "Tourism Awareness Weekend", fejn xi studenti tat-tieni sena ser ikunu ġol-lukanda Suncrest Buġibba, flimkien mal-għalliema Ms. L. T. Cassar, Ms. C. Elshout u Ms. I. Attard.
- Il-Ħamis, 9 ta' Marzu se żżur l-iskola tagħna l-Banda tal-iskola "Guardian Angel" fejn se ddoqq siltiet mużikali għall-istudenti kollha tal-kulleġġ.
- It-Tnejn, 13 ta' Marzu se jżuru l-kulleġġ kapijiet tal-iskejjel li jiffurmaw parti mill-"Excel Network".
- L-Erbgħa, 15 ta' Marzu se ssir laqgħa għall-ġenituri tal-istudenti tat-tieni u tielet sena.
- Il-Ħamis, 16 ta' Marzu se ssir laqgħa għall-ġenituri tal-istudenti tal-ewwel sena.
- Mit-Tnejn, 13 sal-Ġimgħa, 17 ta' Marzu ser isiru l-eżerċizzi spiritwali għall-istudenti tal-ewwel sena. L-eżerċizzi ser jitmexxew minn Fr. David Farrugia.
- L-Erbgħa, 22 ta' Marzu ser isir "fieldwork" mal-istudenti tal-1.1, 1.6 u 1.7 L-għalliema Ms. C. Elshout, Ms. L. T. Cassar u l-istudenti għalliema ser jieħduhom iżuru 'Domus Romana', il-katakombi ta' Santa Agata u l-Buskett.
- L-Erbgħa, 29 ta' Marzu l-għalliema tal-kulleġġ se jkollhom laqgħa wara l-ħin tal-iskola. Il-laqgħa tikkonċerna l-iżvilupp professjonali ta' l-istess għalliema.
- Il-Ħamis, 6 ta' April xi studenti tal-kulleġġ se jkollhom logħba futbol ma' studenti barranin minn skola Ingliża.
- Mit-Tnejn, 3 sal-Ġimgħa, 7 ta' April ser isiru l-eżerċizzi spiritwali għall-istudenti tat-tieni u t-tielet sena. L-eżerċizzi ser jitmexxew minn Fr. Albert Schembri.
- Il-Ġimgħa, 7 ta' April ser tiġi ċċelebrata l-festa tad-Duluri permezz ta' quddiesa għall-istudenti tal-kulleġġ kollu.
- It-Tnejn, 10 u t-Tlieta, 11 ta' April ser ikun hawn laqgħat dwar il-kura tas-snien għall-istudenti u l-ġenituri tal-ewwel sena.
- Ninfurmawkom li l-vaganzi tal-Għid se jkunu mit-12 sad-19 ta' April 2006.